SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (L-Ewwel Awla)

15 ta' Settembru 2009*

Fil-Kawża T-471/07,

Wella AG, stabbilita f'Darmstadt (il-Ġermanja), irrappreżentata minn B. Klingberg u K. Sandberg, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn D. Botis, bħala aġent,

konvenut,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Ottubru 2007 (Każ R 713/2007-2), fir-rigward ta' estensjoni territorjali, fil-Komunità Ewropea, tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali TAME IT,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (L-Ewwel Awla),

komposta minn V. Tiili, President, F. Dehousse u I. Wiszniewska-Białecka (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: N. Rosner, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-21 ta' Diċembru 2007,

wara li rat ir-risposta ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fid-19 ta' Marzu 2008,

wara s-seduta tas-17 ta' Frar 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fl-10 ta' Jannar 2006, ir-rikorrenti, Wella AG, kisbet, mingħand il-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO), ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali TAME IT għal prodotti fil-klassi 3 skont

il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-registrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Gunju 1957, kif irrivedut u emendat, u li tikkorrispondi għad-deskrizzjoni li ġejja: "Sapun, prodotti ta' fwieħa, żjut essenzjali, kożmetiċi, lozjonijiet tax-xagħar, toothpaste".

2 Fl-20 ta' April 2006, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) irċieva notifika, skont l-Artikolu 3b tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Madrid dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' marki [trade marks], adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 317, iktar 'il quddiem il-"Protokoll ta' Madrid"), ta' talba għal estensjoni territorjali lill-Komunità Ewropea tal-protezzjoni ta' din ir-reġistrazzjoni internazzjonali.

3 Fl-20 ta' Ottubru 2006, l-UASI nnotifika rifjut provviżorju *ex officio* tal-protezzjoni tat-trade mark TAME IT fil-Komunità Ewropea, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll ta' Madrid u skont ir-Regola 113 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189), kif emendat, għall-prodotti kollha koperti bir-reġistrazzjoni internazzjonali. Ir-raġuni invokata kienet in-nuqqas ta' karattru distintiv tat-trade mark TAME IT skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif emendat [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas- 26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)].

4 Fil-21 ta' Diċembru 2006, ir-rikorrenti wieġbet għall-oġġezzjonijiet imqajma fin-notifika ta' rifjut provviżorju.

5 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Marzu 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-eżaminatur"), l-eżaminatur irrifjuta li jestendi l-protezzjoni tat-trade mark TAME IT fil-Komunità Ewropea għall-prodotti kollha minħabba li din it-trade mark ma kellhiex karattru distintiv skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94.

6 Fid-9 ta' Mejju 2007, ir-rikorrenti ppreżentat appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-UASI, taħt l-Artikoli 57 sa 62 tar-Regolament Nru 40/94 (li saru l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009).

7 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ottubru 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), it-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI laqa' parzjalment l-appell. Essenzjalment, il-Bord tal-Appell qies li l-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għall-estensjoni territorjali tal-protezzjoni fil-Komunità Ewropea kienu prodotti ta' konsum ta' kuljum, li l-pubbliku rilevanti kien kompost minn konsumaturi medji li jitkellmu bl-Ingliż fil-Komunità, normalment informati u raġonevolment attenti u avżati, li l-verb "to tame" ifisser b'mod partikolari "tagħmel iktar mieles", "tirregola jew tikkontrolla" jew "trażżan" kif ukoll li s-sekwenza tal-kliem "tame it" kienet konformi mar-regoli ta' grammatika u ta' sintassi tal-lingwa Ingliża. Il-Bord tal-Appell ikkonstata minn dan kollu li, fir-rigward tal-lozjonijiet tax-xagħar, tal-kożmetiċi u taż-żjut essenzjali — fejn dawn l-aħħar żewġ kategoriji ta' prodotti jistgħu ukoll jintużaw biex ix-xagħar isir iktar mieles –, il-pubbliku rilevanti jipperċepixxi l-espressjoni "tame it" b'mod ċar, immedjat u mingħajr ebda ħsieb ieħor bħala messaġġ purament pubbliċitarju, li jinformah dwar l-effetti li jistgħu jantiċipaw bl-użu ta' dawn il-prodotti. Huwa kkonkluda minn dan li t-trade mark TAME IT kienet nieqsa minn kull karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7 (1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 fir-rigward ta' dawn il-prodotti. Min-naħa l-oħra, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li ma setgħet tiġi stabbilita ebda rabta rilevanti bejn it-trade mark TAME IT u s-"sapun, prodotti ta' fwieħa u toothpaste" kif ukoll li, għaldaqstant, huwa ma setax jikkonkludi li ma kienx hemm karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 fir-rigward ta' dawn il-prodotti. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Bord tal-Appell, minn naħa, ċaħad l-appell u kkonferma d-deċiżjoni tal-eżaminatur sa fejn din kienet irrifjutat in-nomina tal-Komunità Ewropea fir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark TAME IT għaż-"żjut essenzjali, kożmetiċi, lozjonijiet għax-xagħar" u, min-naħa l-oħra, annullat id-deċiżjoni tal-eżaminatur u, konsegwentement, awtorizzat in-nomina tal-Komunità Ewropea fir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark TAME IT għas-"sapun, prodotti ta' fwieħa u toothpaste".

It-talbiet tal-partijiet

8 Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad l-appell ippreżentat mid-deċiżjoni tal-eżaminatur;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

9 L-UASI jitlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

10 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94. Hija ssostni, essenzjalment, li t-trade mark

TAME IT mhijiex nieqsa minn karattru distintiv fis-sens ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward tal-prodotti "żjut essenzjali, kożmetiċi, lozjonijiet tax-xagħar".

11 L-UASI jikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

12 Skont l-Artikolu 146(1) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 151(1) tar-Regolament Nru 207/2009), kull reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina lill-Komunità Ewropea għandha, mid-data tal-estensjoni lill-Komunità Ewropea prevista fl-Artikolu 3b (2) tal-Protokoll ta' Madrid, ikollha l-istess effett bħal applikazzjoni għal trade mark Komunitarja. L-Artikolu 149(1) tal-istess regolament (li sar l-Artikolu 154(1) tar-Regolament Nru 207/2009) jipprovdi li reġistrazzjonijiet internazzjonali li jinnominaw lill-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għal eżami għal raġunijiet assoluti għal ċaħda, filwaqt li jsegwu l-istess proċedimenti bħal fil-każ ta' applikazzjonijiet għal trade mark Komunitarja.

13 Skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, ma jistgħux jiġu rregistrati trade marks li mhumiex ta' karattru distintiv. L-Artikolu 7(2) tal-istess regolament (li sar l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009) jipprovdi li s-subparagrafu 1 tiegħu huwa applikabbli minkejja li r-raġunijiet li jwasslu biex trade mark ma tiġix reġistrata japplikaw biss f'parti tal-Komunità.

14 It-trade marks imsemmija taħt l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 huma dawk li jitqiesu li ma jistgħux jeżerċitaw il-funzjoni essenzjali tat-trade mark, jiġifieri dik li tidentifika l-oriġini kummerċjali tal-prodott jew tas-servizz inkwistjoni sabiex il-konsumatur li jkun akkwista l-prodott jew is-servizz, li t-trade mark tidentifika, ikun jista' jagħmel l-istess għażla f'akkwist sussegwenti jekk l-esperjenza tirriżulta pożittiva, jew li jagħmel għażla oħra, jekk din tirriżulta negattiva [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Frar 2002, Eurocool Logistik vs UASI (EUROCOOL), T-34/00, Ġabra p. II-683, punt 37, u tal-20 ta' Jannar 2009, Pioneer Hi-Bred International vs UASI (OPTIMUM), T-424/07, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 20].

15 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-reġistrazzjoni ta' trade mark komposta minn sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw ukoll bħala slogans pubbliċitarji, indikazzjonijiet ta' kwalità jew espressjonijiet li jħeġġu x-xiri tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minn din it-trade mark mhijiex fiha nnifisha eskluża minħabba tali użu. Madankollu, trade mark li, bħal fil-każ ta' slogan pubbliċitarju, taqdi funzjonijiet differenti minn dawk ta' trade mark fis-sens tradizzjonali hija distintiva, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, biss jekk tista' tiġi pperċepita immedjatament bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi koperti sabiex il-pubbliku kkonċernat ikun jista' jiddistingwi, mingħajr ebda possibbiltà ta' konfużjoni, il-prodotti jew is-servizzi tal-proprjetarju tat-trade mark minn dawk li għandhom oriġini kummerċjali differenti [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Lulju 2003, Best Buy Concepts vs UASI (BEST BUY), T-122/01, Ġabra p. II-2235, punt 21, u tas-26 ta' Novembru 2008, Avon Products vs UASI (ANEW ALTERNATIVE), T-184/07, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 22].

16 Biex jiġi kkonstatat in-nuqqas ta' karattru distintiv, huwa biżżejjed li l-kontenut semantiku tat-trade mark verbali inkwistjoni jindika lill-konsumatur karatteristika tal-prodott jew tas-servizz relatata mal-valur kummerċjali tiegħu li, mingħajr ma tkun preċiża, tkun ġejja minn informazzjoni ta' natura promozzjonali jew pubbliċitarja li l-pubbliku rilevanti jipperċepixxi mill-ewwel impatt bħala tali, iktar milli bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodott jew tas-servizz inkwistjoni [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Ġunju 2004, Norma Lebensmittelfilialbetrieb vs UASI (Mehr für Ihr Geld), T-281/02, Ġabra p. II-1915, punt 31, u tat-12 ta' Marzu 2008, Suez vs UASI (Delivering the essentials of life), T-128/07, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 20].

17 Barra minn hekk, il-karattru distintiv ta' trade mark għandu jiġi evalwat, minn naħa, fir-rigward tal-prodotti jew servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għall-protezzjoni fil-Komunità Ewropea u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-perċezzjoni li għandu tiegħu l-pubbliku rilevanti, li huwa l-konsumatur medju ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Frar 2002, Mag Instrument vs UASI (Forma ta' torċijiet), T-88/00, Ġabra p. II-467, punt 30, u Delivering the essentials of life, punt 16 iktar 'il fuq, punt 21].

18 Fl-aħħar nett, jirriżulta mill-ġurisprudenza li, peress illi saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja jew għall-protezzjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali fil-Komunità Ewropea għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt kategorija,

mingħajr ma saret distinzjoni bejn dawn il-prodotti, il-fatt li t-trade mark inkwistjoni mhijiex ta' karattru distintiv biss fir-rigward ta' ċerti prodotti li jaqgħu taħt din il-kategorija ma jipprekludix l-għarfien tan-nuqqas ta' karattru distintiv tat-trade mark inkwistjoni fir-rigward tal-prodotti kollha ta' din il-kategorija [ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Ġunju 2001, DKV vs UASI (EuroHealth), T-359/99, Ġabra p. II-1645, punt 33, u tad-9 ta' Lulju 2008, Reber vs UASI — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (Mozart), T-304/06, Ġabra p. II-1927, punt 92].

19 F'dan il-każ, ir-rikorrenti tikkontesta r-rifjut, mill-Bord tal-Appell, tan-nomina tal-Komunità Ewropea fir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark TAME IT għall-prodotti "żjut essenzjali, kożmetiċi, lozjonijiet tax-xagħar" (iktar 'il quddiem il-"prodotti inkwistjoni").

20 Qabel kollox, fid-dawl tan-natura tal-prodotti inkwistjoni, li huma prodotti ta' konsum ta' kuljum, kif ukoll tal-fatt li t-trade mark TAME IT hija komposta minn kliem derivanti mil-lingwa Ingliża, għandu jiġi osservat li l-Bord tal-Appell ikkonstata, ġustament, li l-pubbliku rilevanti huwa kompost minn konsumaturi medji li jitkellmu bl-Ingliż, normalment informati u raġonevolment attenti u avżati, liema konstatazzjoni hija wara kollox paċifika bejn il-partijiet. Huwa għaldaqstant fir-rigward tal-perċezzjoni ta' konsumatur medju li jitkellem bl-Ingliż li għandu jiġi evalwat jekk il-Bord tal-Appell ikkunsidrax ġustament li t-trade mark TAME IT ma kinitx ta' karattru distintiv għall-prodotti inkwistjoni.

21 L-ewwel nett, f'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, bħal ma kkonstata l-Bord tal-Appell, il-verb Ingliż "to tame" ifisser b'mod partikolari "tagħmel iktar mieles", "tirregola jew tikkontrolla" jew "trażżan". Il-Bord tal-Appell indika barra minn hekk, mingħajr ma ġie kkontestat mir-rikorrenti, li din tal-aħħar tuża fis-sit Internet tagħha, fir-Renju Unit, il-verb "to tame" fis-sens ta' "tagħmel iktar mieles" sabiex tippromwovi wħud mill-prodotti tagħha għall-kura tax-xagħar.

22 It-tieni nett, bħal ma ssostni r-rikorrenti, il-pronom newtrali Ingliż "it", jista', teoretikament, ikollu tifsiriet differenti, fejn b'hekk il-konsumatur ikollu ċerti marġni ta' interpretazzjoni fir-rigward ta' x'jirreferi l-verb "to tame". Madankollu, bħal ma jindika l-UASI, jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 17 iktar 'il fuq li l-karattru distintiv ta' trade mark ma għandux jiġi evalwat fl-astratt, iżda fir-rigward tal-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għall-protezzjoni. F'dan il-każ, il-prodotti inkwistjoni huma lozjonijiet tax-xagħar, kożmetiċi u żjut essenzjali. Fir-rigward tal-lozjonijiet tax-xagħar, bħala definizzjoni, dawn huma intiżi għax-xagħar. Fir-rigward tal-kożmetiċi u taż-żjut essenzjali, ċertament, bħal ma ssostni r-rikorrenti, dawn il-kategoriji jinkludu prodotti li mhumiex prodotti intiżi għax-xagħar. Madankollu, hekk kif osserva l-Bord tal-Appell, xorta jibqa' l-fatt li l-kategorija tal-kożmetiċi inġenerali tinkludi l-kożmetiċi tax-xagħar kif ukoll li, fost iż-żjut essenzjali, uħud minnhom jistgħu jintużaw sabiex ix-xagħar isir iktar mieles. Fuq dan il-punt, wara kollox, ir-rikorrenti barra minn hekk sempliċement tallega li ż-żjut essenzjali huma prodotti "mhux tas-soltu" għall-kura tax-xagħar u li l-kategorija tal-kożmetiċi tinkludi "pjuttost il-prodotti ta' kura tal-ġilda […], iż-żjut u l-melħ tal-banju, kif ukoll il-kożmetiċi dekorattivi […]", mingħajr ma tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet.

23 Issa, kif jenfasizza l-UASI, il-pronom "it" jista', fil-lingwa Ingliża, jissostitwixxi ruħu għall-kelma "xagħar", peress li l-kelma Ingliża "hair" tintuża ġeneralment fis-singular. B'hekk, fir-rigward tal-lozjonijiet tax-xagħar, tal-kożmetiċi tax-xagħar u taż-żjut essenzjali li jistgħu jintużaw għax-xagħar, il-pronom "it" jinfthiem bħala riferiment għax-xagħar.

24 It-tielet nett, huwa paċifiku li l-espressjoni "tame it" hija komposta skont ir-regoli tal-grammatika u tas-sintassi Ingliżi. Barra minn hekk, l-espressjoni "tame it" tinkludi verb ikkonġugat fl-imperattiv.

25 Isegwi li, fir-rigward tal-lozjonijiet tax-xagħar, tal-kożmetiċi tax-xagħar u taż-żjut essenzjali li jistgħu jintużaw għax-xagħar, it-trade mark TAME IT tinfthiem mill-konsumatur medju li jitkellem bl-Ingliż bħala ordni jew stedina sabiex dawn il-prodotti jintużaw biex ix-xagħar isir iktar mieles, jew biex jiġi kkontrollat jew biex jitrażżan. Il-kontenut semantiku tat-trade mark TAME IT jindika għaldaqstant lill-konsumatur rilevanti karatteristika pożittiva ta' dawn il-prodotti, li tikkonċerna l-valur kummerċjali

tagħhom, peress li l-effett mieles jew ta' kontroll tax-xagħar għandu funzjonalità importanti mfittxija mill-konsumatur meta jużahom.

26 Għaldaqstant, quddiem it-trade mark TAME IT, b'konnessjoni ma' lozjonijiet tax-xagħar, kożmetiċi tax-xagħar u żjut essenzjali li jistgħu jintużaw għax-xagħar, il-konsumatur jipperċepiha qabel kollox bħala informazzjoni promozzjonali jew ta' reklamar, li tħajru sabiex juża dawn il-prodotti u/jew li tinformah dwar l-effetti li għandu jantiċipa meta jużahom, pjuttost milli bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tagħhom.

27 Ir-rikorrenti b'mod żbaljat issostni li, peress li l-verb "to tame" għandu tifsiriet differenti fejn il-konnotazzjoni prinċipali tiegħu tirreferi għad-domestikazzjoni ta' annimali selvaġġi, din l-informazzjoni promozzjonali jew ta' reklamar mhijiex trażmessa b'mod ċar, dirett u immedjat. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 17 iktar 'il fuq, il-fatt li l-verb "to tame" jew l-espressjoni "tame it", ikkunsidrati mingħajr konnotazzjoni mal-prodotti inkwistjoni, għandu tifsiriet oħra differenti minn dik ikkonstatata mill-Bord tal-Appell — u li kieku kellu jitqies ukoll li l-prova ppreżentata f'dan ir-rigward mir-rikorrenti hija ammissibbli — huwa rrilevanti. Għall-istess raġuni, lanqas ma jista' jiġi utilment ilmentat lill-Bord tal-Appell talli injora l-ħafna tifsiriet issuġġeriti mill-assoċjazzjoni tal-kliem "tame" u "it".

28 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi konkluż li t-trade mark TAME IT, fir-rigward tal-lozjonijiet tax-xagħar, tal-kożmetiċi tax-xagħar u taż-żjut essenzjali li jistgħu jintużaw għax-xagħar, u sa fejn hija tħajjar lill-konsumatur sabiex juża dawn il-prodotti u/jew tinformah dwar l-effetti li għandu jistenna meta jużahom, tiġi pperċepita b'mod immedjat mill-pubbliku rilevanti bħala messaġġ ta' reklamar, pjuttost milli bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali ta' dawn il-prodotti. Għaldaqstant, fid-dawl tal-prinċipju mfakkar fil-punt 18 iktar 'il fuq, il-kunsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell li t-trade mark TAME IT ma kinitx ta' karattru distintiv għall-prodotti kollha inkwistjoni kienet fondata.

29 F'dan ir-rigward għandu jintqal ukoll li, skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 207/2009), l-applikant għat-trade mark jista' f'kull ħin jirtira l-applikazzjoni tiegħu għal trade mark Komunitarja jew jirrestrinġi l-lista tal-prodotti jew tas-servizzi li jkunu jinsabu fiha. B'hekk, il-possibbiltà li l-lista tal-prodotti u tas-servizzi tiġi ristretta tappartjeni biss lill-applikant għal trade mark Komunitarja, li jista', f'kull ħin, jindirizza talba f'dan is-sens lill-UASI [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Frar 2002, Ellos vs UASI (ELLOS), T-219/00, Ġabra p. II-753, punt 61, u tal-10 ta' Novemrbu 2004, Storck vs UASI (Forma ta' ħelwa mgeżwra), T-402/02, Ġabra p. II-3849, punt 33]. Skont l-Artikolu 149(1) tar-Regolament Nru 40/94, l-istess għandu jgħodd fil-kuntest ta' talba għal nomina tal-Komunità Ewropea f'reġistrazzjoni internazzjonali.

30 F'dan il-każ, ir-rikorrenti kienet f'pożizzjoni li tipproċedi għal tali limitazzjoni, hekk kif jipprovdi l-Artikolu 149(2) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 154(2) tar-Regolament Nru 207/2009), b'mod partikolari bi tweġiba għan-notifika ta' rifjut provviżorju ta' protezzjoni li kienet tagħtiha, skont ir-Regola 112(1) u r-Regola 113(1)(ċ) tar-Regolament Nru 2868/95, terminu ta' xahrejn sabiex tikkoreġi n-nuqqasijiet li mmotivaw dan ir-rifjut provviżorju — jiġifieri n-nuqqas ta' karattru distintiv tat-trade mark TAME IT fir-rigward tal-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għall-protezzjoni fil-Komunità Ewropea, fid-dawl tal-fatt li din tiġi pperċepita bħala messaġġ li jirrigwarda l-effetti pożittivi li dawn il-prodotti għandhom fuq ix-xagħar. Madankollu, ir-rikorrenti ma llimitatx il-lista tal-prodotti li fir-rigward tagħhom hija ppreżentat applikazzjoni għall-protezzjoni tat-trade mark TAME IT fil-Komunità Ewropea. Għaldaqstant, u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 18 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma tistax fil-preżent issostni utilment li, fir-rigward ta' ċerti kożmetiċi u ċerti żjut essenzjali li mhumiex intiżi għax-xagħar, it-trade mark TAME IT għandha karattru distintiv.

31 L-argumenti l-oħra mressqa mir-rikorrenti lanqas ma jippermettu li tinbidel il-konklużjoni li tgħid li t-trade mark TAME IT mhijiex ta' karattru distintiv fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni kollha.

32 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, bil-kontra ta' dak li ssostni r-rikorrenti, il-fatt li l-espressjoni "tame it" tinkludi verb ikkonjugat fl-imperattiv ma jagħtix karattru

distintiv lit-trade mark TAME IT. Bħal ma josserva l-UASI, l-użu ta' verbi kkonjugati fl-imperattiv huwa komuni fil-qasam promozzjonali. Għaldaqstant, dan isaħħaħ il-fatt li, qabel kollox, din it-trade mark tiġi pperċepita bħala messaġġ promozzjonali li jħeġġeġ lill-konsumatur rilevanti sabiex juża l-prodotti inkwistjoni u/jew li jinformah dwar l-effetti li għandu jantiċipa meta jużahom.

33 Fit-tieni lok, bil-kontra tal-affermazzjonijiet tar-rikorrenti, ma jirriżultax mid-deċiżjoni kkontestata li l-Bord tal-Appell kien naqas milli jikkunsidra l-impressjoni komplessiva prodotta mit-trade mark TAME IT. Fil-fatt, il-Bord tal-Appell irrefera, minn naħa, għas-"sekwenza tal-kliem li jikkostitwixxu s-sinjal inkwistjoni" sabiex jikkonstata li din is-sekwenza kienet konformi mal-kompożizzjoni u mar-regoli ta' pronunzja komuni Ingliżi u, min-naħa l-oħra, għall-espressjoni "tame it" ikkunsidrata b'mod sħiħ sabiex jikkonstata li din tinfthiem bħala messaġġ purament ta' reklamar. Huwa kkonkluda wkoll li "[l-eżaminatur] ġustament ikkunsidra li s-sekwenza ta' kliem 'tame it' mhijiex ta' karattru distintiv fir-rigward tal-[prodotti inkwistjoni]". Għaldaqstant, ma jistax jiġi lmentat fil-konfront tal-Bord tal-Appell talli ma ħax inkunsiderazzjoni l-impressjoni sħiħa prodotta mit-trade mark TAME IT fuq il-pubbliku rilevanti.

34 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li l-Bord tal-Appell ma pprovda ebda eżempju dwar l-użu tal-espressjoni "tame it" biex jiġu indikati l-prodotti inkwistjoni juri li t-trade mark TAME IT hija tali li tiddistingwi dawn il-prodotti minn dawk li għandhom oriġini kummerċjali oħra. F'dan ir-rigward, għandu sempliċement jitfakkar li, jekk il-fatt li trade mark tista' tintuża komunement fil-kummerċ sabiex tippreżenta l-prodotti jew is-servizzi kkonċernati huwa kriterju rilevanti fil-kuntest tal-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 207/2009], dan il-kriterju mhuwiex dak li fid-dawl tiegħu l-Artikolu 7(1)(b) tal-istess regolament għandu jiġi interpretat (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Settembru 2004, SAT.1 vs UASI, C-329/02 P, Ġabra p. I-8317, punt 36, u tal-15 ta' Settembru 2005, BioID vs UASI, C-37/03 P, Ġabra p. I-7975, punti 61 u 62). Isegwi li, il-Bord tal-Appell, peress li kien ikkonstata li t-trade mark TAME IT ma kinitx ta' karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, ma kellux jipprovdi t-tali eżempji. Dan l-argument għandu għaldaqstant jiġi miċħud bħala rrilevanti.

35 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq ir-reġistrazzjoni, mill-United Kingdom Intellectual Property Office (Uffiċċju tal-proprjetà intelletwali tar-Renju Unit), tat-trade mark verbali TAME għal prodotti fil-klassi 3 skont il-Ftehim ta' Nice, u jekk jitqies li dan l-argument kif ukoll il-prova ppreżentata insostenn tiegħu huma ammissibbli, liema argument l-UASI jikkontesta, għandu sempliċement jitfakkar li s-sistema tat-trade mark Komunitarja hija sistema legali awtonoma b'għanijiet speċifiċi għaliha, fejn l-applikazzjoni tagħha hija indipendenti minn kull sistema nazzjonali [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Diċembru 2000, Messe München vs UASI (electronica), T-32/00, Ġabra p. II-3829, punt 47, u tal-21 ta' Jannar 2009, giropay vs UASI (GIROPAY), T-399/06, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 46]. B'hekk, in-natura reġistrabbli jew proteġibbli ta' sinjal bħala trade mark Komunitarja għandha tiġi evalwata biss abbażi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti. Għaldaqstant, il-UASI u, jekk ikun il-każ, il-qorti Komunitarja, mhumiex marbuta minn deċiżjoni mogħtija fuq livell ta' Stat Membru, jew ta' pajjiż terz, li tilqa' n-natura reġistrabbli ta' dan l-istess sinjal bħala trade mark nazzjonali. Dan huwa l-każ anki jekk it-tali deċiżjoni ttieħdet skont leġiżlazzjoni nazzjonali armonizzata mal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 1989, L 40, p. 1), jew ulterjorment f'pajjiż li jappartjeni għaż-żona lingwistika li fiha t-trade mark verbali kkonċernata ssib l-oriġini tagħha [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Frar 2002, Streamserve vs UASI (STREAMSERVE), T-106/00, Ġabra p. II-723, punt 47, u GIROPAY, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46]. Għaldaqstant dan l-argument għandu wkoll jiġi miċħud.

36 Fil-ħames lok, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, fir-rigward ta' sinjal kompost minn kliem, karattru distintiv eventwali jista' jiġi eżaminat, b'mod parzjali, għal kull wieħed mill-elementi tiegħu, meħuda separatament, iżda għandu, f'kull każ, jiddependi minn eżami tal-impressjoni globali tagħhom. Fil-fatt, is-sempliċi ċirkustanza li kull wieħed minn dawn l-elementi, meħuda separatament, mhuwiex ta' karattru distintiv ma jeskludix li s-sekwenza li dawn l-elementi jifformaw tista' tippreżenta karattru distintiv [sentenza SAT.1 vs UASI, punt 34 iktar 'il fuq, punt 28, u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Lulju 2008, BYK-Chemie vs UASI (Substance for Success), T-58/07, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 18]. Skont din il-ġurisprudenza, meta l-Bord tal-Appell isostni li "s-sinjal li għalih saret applikazzjoni [kien] ikkostitwit biss mis-sempliċi somma tal-elementi li jikkomponuh", huwa kkonstata biss li t-trade mark TAME IT ma kellhiex tifsira oħra għajr is-sempliċi sekwenza tal-kliem "tame" u "it" kif ukoll li, minħabba dan, b'mod globali, hija tiġi pperċepita qabel kollox mill-pubbliku rilevanti bħala messaġġ purament ta' reklamar. Din l-affermazzjoni ma kinitx għaldaqstant intiża, bħal ma tallega r-rikorrenti, sabiex tindika nuqqas ta' kreattività jew ta' immaġinazzjoni tat-trade mark TAME IT. Dan l-argument għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud ukoll.

37 Jirriżulta minn dak kollu li ntqal li l-Bord tal-Appell ġustament irrifjuta n-nomina tal-Komunità Ewropea fir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali TAME IT għaż-żjut essenzjali, il-kożmetiċi u l-lozjonijiet tax-xagħar, fir-rigward tar-raġuni msemmija fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94.

38 Għaldaqstant, l-uniku motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 40/94, għandu jiġi miċħud bħala infondat, l-istess bħar-rikors kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

39 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-UASI.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Wella AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Tiili Dehousse Wiszniewska-Białecka

Mogħtija fil-qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Settembru 2009.

Firem